MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1276/2005

**Joseph Cutajar (I.D. 892647M)**
**Vs**
**Joseph Scicluna**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-13 ta’ Ġunju, 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta’ Lm 175.00 (mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija) rappreżentanti danni kkawżati konsegwenza ta’ inċident tat-traffiku li seħħ fl-1 ta’ Settembru, 2003 fl-Imsida.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Qed jiġi mitlub li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli ta’ l-inċident li ġara fl-Imsida fl-1 ta’ Settembru, 2003 li fih kien involut it-taxi numru CTY 105 misjuqa mill-attur u t-truck numru VBG 136 misjuq mill-konvenut, kif ukoll qed jiġi mitlub li l-konvenut jiġi kkundanat iħallas lill-attur is-somma ta’ Lm 175 (mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija_

bħala danni kaġunati lill-attur fl-istess inċident awtomobilistiku.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ingħad illi:-

1. L-inċident tat-traffiku mertu ta' din il-kawża ġara unikament bi ħtija ta' l-attur Joseph Cutajar. Għalhekk, l-eċċipjent mhux responsabbli għad-danni allegatament mġarrba mill-atturi.

2. Konsegwentement fejn jirrigwarda l-eċċipjent ma hemmx danni x'jiġi likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe każ u **bla preġudizzju għall-premess**, l-atturi għandhom iġibu l-prova skond il-liġi tal-quantum tad-danni minnhom allegatament subiti.

3. Inoltre ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-eċċipjent għall-ħlas ta' danni favur l-atturi.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

5. Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kolliżjoni issuċċediet l-Imsida fejn ir-"roundabout" il-kbira fid-direzzjoni li tagħti għal Valley Road.

It-trakk VBG-136 kien ġej mid-direzzjoni tal-Pieta` għall-Imsida fil-waqt li t-taxi CTY-105 kien ġej min-naħa tal-Knisja ta' San Ġużepp biex jieħu n-nies l-airport. Il-ħabta saret fl-akkwati taż-"zebra crossing" qabel ma hemm il-kisra biex tagħti għall-Isptar ta' San Luqa.

Jirriżulta anki mill-iskizz esebit a fol. 15 tal-process illi l-istess trakk waqaf ħafna aktar 'il fuq minn fejn it-taxi tant

illi qabeż il-bokka ta' l-istess daħla għall-Isptar ta' San Luqa.

Ovvjament kif solitu jsir kull sewwieq jipprova jitfa l-ħtija tal-ħabta għall-parti oħra u dana m'huwiex każ speċjali fejn xi parti minnhom assumiet ir-responsabbilta`. Kieku kien hekk kieku żgur ma kenux jaslu f'dan l-istadju.

Rinfaċċjat b'tali sitwazzjoni t-Tribunal bil-fors ikollu jirrimetti ruħu għall-prinċipji bazilari eżistenti fil-liġi nostrali u ġurisprudenza kostanzi anki ta' dan l-istess Tribunal.
Min jagħmel il-kawża jrid jipprova l-ħtija tal-parti l-oħra. L-oneru ta' l-attur huwa li jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabilita`. Pero` fil-kaz odjern ġiet skjerata possibilita` u mhux probabilita`. F'tali ċirkostanzi t-Tribunal ma jistax jakkolji t-talbiet attriċi fin-nuqqas ta' tali konvinċiment.

Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet attriċi u jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u minħabba ċ-ċirkostanzi specjali tal-każ il-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi soffert minn kull parti ssofri l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------